**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 4 ta' Mejju 2017**

**Pulizija**

**Spettur Spiridione Zammit**

**Vs**

**Roderick Azzopardi**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Roderick Azzopardi ta' 32 sena' bin Ignatius u Rita nee' Spiteri imwieled Pieta' fid-9 ta' Jannar 1984 u joqghod 43, Flat 4, Triq il-Witja, Hal-Tarxien, detentur tal-karta tal-identita' numru 81284M;

Talli b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zmienijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi w li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda w cioe' akkuzat talli fl-10 ta' Settembru 2016 bejn is-7:30pm u 11:45pm fir-residenza numru 43, Flat 4, li tinsab fit-Triq il-Witja Hal-Tarxien u/jew f'dawn il-Gzejjer:

1) Waqt li kien bla ordni skond il-Ligi ta' l-Awtorita' Kompetenti, w barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestat, zamm jew issekwestra lil Charlotte Zammit minn Hal-Tarxien fejn ghamlilha offiza fuq il-persuna taghha w/jew heddidha bil-mewt;

2) Ukoll talli fic-cirkustanzi minghajr il-hsieb li joqtol u jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha w cioe' offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Charlotte Zammit minn Hal-Tarxien skond ma ccertifikat Dr. Sarah Sant (Reg. 3607) mic-Centru tas-Sahha tar-Rahal Gdid;

3) U aktar talli, fl-istess cirkostanzi hedded bill-fomm lill-istess Cahrlotte Zammit minn Hal-Tarxien b'delitt fejn flimkien ma' dan it-theddid kien hemm ordni jew kundizzjoni;

4) Ukoll talli fl-istess cirkostanzi qabad arma [sikkina] kontra Charlotte Zmmit minn Hal-Tarxien;

5) Ukoll talli f'diversi zminijiet u hinijiet qabel l-10 ta' Settembru 2016 fil-fond residenza numru 43, Flat 4 li jinsab fit-Triq il-Witja, Hal-Tarxien u'jew f'dawn il-Gzejjer bla ordni skond il-Ligi ta' l-Awtorita' Kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Charlotte Schembri minn Hal-Tarxien fejn ghamlilha offiza fuq il-persuna taghha w/jew heddidha bil-mewt;

6) Ukoll talli fl-10 ta' Settembru 2016 u x-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer vl-imgieba tieghu gab ruhu b'mod li ta fastidju lil Charlotte Zammit b'mod li kien jaf jew imissu kien jaf li dan kien ta' fastidju ghaliha;

7) Ukoll talli fl-istess cirkustanzi f'dawn il-Gzejjer ikkaguna biza' lil Charlotte Zammit li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta' taghha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna ohra;

8) Ukoll talli naqas milli jhares xi wahda, w/jew iktar minn wahda, mill-kundizzjonijiet imposti fuqhom mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Istruttorja (Magistrat Dr. M. Vella LL.D.) b'digriet datat 16 t'Awwissu 2016 u li permezz tieghu nghataw il-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet, fosthom li ma jikkommettiex delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest;

9) Il-Qorti hija, gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reati msemmija, tirrevoka 'contrario imperio' d-digriet tal-helsien mill-arrest datat 16 t'Awwissu 2016 u tordna l-arrest mill-gdid ta' Roderick Azzopardi kif ukoll, li tordna li z-zewg somom ta' 8,000 euro bhala garanzija personali w depositu t'2,000 euro, li gew imposti fuqu sabiex jaghmel tajjeb ghall-beneficcju tal-helsien mill-arrest, jghaddu favur il-Gvern ta' Malta, kif stipulat fl-Artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

10) B'hekk Roderick irrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

11) Il-Qorti hija mitluba biex tapplika l-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta ta' Charlotte Zammit u/jew persuni ohra;

12) Il-qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta ta' Charlene Schembri minn Bormla w tapplika l-provedimenti tal-Art 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali, datata 17 ta' April, 2017, fejn gew indikati l-Artikoli relattivi tal-ligi li tahthom kellu jghaddi in gudikat l-imputat;

Rat illi l-istess imputat ma kellux oggezzjoni li din il-Qorti tittratta mieghu sommarjament wara l-qari tal-istess Artikoli skond il-ligi;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni f'dawn il-proceduri, fl-4 ta' Mejju 2017, li giet ikkonfermata minnu wara li nghata z-zmien xieraq skont il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 17, 18, 31, 49, 50, 86, 87(1)(c), 217, 221(1) u (2), 249(1),(2) u (3), 251A(1), (2), (3) u (4), 251B, 382A, 383, 384, 385, 386, 387, 412C, 533 u 579 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li semghet lill-partijiet jittrattaw fuq il-piena li setghet tinghata lill-imputat;

Fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni  u qieghda tikkundannha ghal sena prigunerija.

Tordna l-hrug ta' ordni ta' protezzjoni ghal tlitt (3) snin favur Charlotte Zammit ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**